Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 866/2004**

tad-29 ta' April 2004

dwar reġim skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 ma' l-Att ta' l-Adeżjoni

(ĠU L 206, 9.6.2004, p. 128)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-kunsill (KE) Nru. 293/2005 tas-17 ta' Frar 2005	L 159M	149	23.2.2005
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/2005 tat-18 ta' April 2005	L 275M	324	19.4.2005
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1283/2005 tat-3 ta' Awissu 2005	L 287M	276	4.8.2005
►M4	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 587/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008	L 163	1	24.6.2008
►M5	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2013 tal-15 ta' Lulju 2013	L 196	1	19.7.2013
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1472 tas-26 ta' Awwissu 2015	L 225	3	28.8.2015

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 866/2004

tad-29 ta' April 2004

dwar reġim skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 ma' l-Att ta' l-Adeżjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 10 dwar Ċipru ma' l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Lituwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustament għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 3 dwar iż-Żoni Bażi Sovrani tar-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru ([2]) ma' l-Att ta' l-Adeżjoni msemmi, u b'mod partrikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew issottolinja b'mod ripetut il-preferenza qawwija tiegħu għall-adeżjoni minn Ċipru magħqud mill-ġdid. B'dispjaċir għadha ma ntlaħqitx soluzzjoni komprensiva. Skond il-paragrafu 12 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'Copenhagen, fis-26 ta' April 2004 il-Kunsill iddeskriva fil-qosor il-pożizzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni korrenti fil-gżira.

(2) Sakemm tinħoloq soluzzjoni, l-applikazzjoni ta' l-*acquis* ma' l-adeżjoni ikollha għalhekk tiġi sospiża skond l-Artikolu 1(1) tal-Protokoll 10, fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

(3) Skond l-Artikolu 2(1) tal-Protokoll 10, din is-sospensjoni tagħmilha meħtieġa li jiġu pprovvduti t-termini li fuqhom għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġijiet ta' l-UE fuq il-linja bejn iż-żoni msemmija hawn fuq u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' dawn ir-regoli, l-applikazzjoni tagħhom trid tiġi estiża għall-konfini bejn iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax il-kontroll effettiv u ż-Żona tal-Bażi Sovran tal-Lvant tar-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq.

([1]) ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 955.
([2]) ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 940.

▼B

(4) Ġaladarba l-linja msemmija hawn fuq ma tikkostitwix fruntiera esterna ta' l-UE, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċjali li jirrigwardaw il-qsim ta' l-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni, li r-responsabbiltà primarja għalihom tappartjieni lir-Repubboika ta' Ċipru. Billi ż-żoni msemmija hawn fuq huma temporanjament ‘il barra mit-territorju tad-dwana u fiskali tal-Komunità u ‘l barra miż-żona tal-libertà, tal-ġustizzja u tas-sigurtà, ir-regoli speċjali għandhom jiżguraw *standard* ekwivalenti ta' protezzjoni tas-sigurtà għall-UE rigward l-immigrazzjoni illegali u t-teħdid għall-ordni pubblika, u l-interessi ekonomiċi tagħha safejn u sakemm jirrigwarda l-moviment ta' l-oġġetti. Sakemm ikun disposnibbli t-tagħrif suffiċjenti rigward l-istat tas-saħħa ta' l-annimali fiż-żoni msemmija hawn fuq, il-moviment ta' l-annimali u tal-prodotti mill-annimali irid jiġi pprojbit.

(5) L-Artikolu 3 tal-Protokoll 10 jiddikjara b'mod espliċitu li l-miżuri li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni msemmija hawn fuq ma humiex impeduti bis-sospenzjoni ta' l-*acquis*. Dan ir-regolment huwa maħsub għalbiex jiffaċilita l-kummerċ u rabtiet oħra bejn iż-żoni msemmija hawn fuq u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita l-kontroll effettiv, filwaqt li jiżgura illi jinżammu l-i*standards* approprjati tal-protezzjoni kif iddikjarati hawn fuq.

(6) Fejn jidħlu l-persuni, il-politika tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru korrentement tippermetti il-qsim tal-linja miċ-ċittadini kollha tar-Repubblika, taċ-ċittadini ta' l-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu fil-gżira miż-Żoni Kkontrollati mill-Gvern.

(7) Filwaqt li jitqies it-tħassib leġittimu tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, huwa meħtieġ li ċ-ċittadini ta' l-UE jiġi megħjuna li jeżeċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment ħieles ġewwa l-UE u jiġu ffissati regoli minimi sabiex jitwettqu kontrolli fuq il-persuni fuq il-linja u li tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tagħha, sabiex tiġi kkumbattuta l-immigrazzjoni illegali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll kull tehdida għas-sigurtà pubblika u għall-politika pubblika. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu ddefiniti l-kondizzjnijiet li fuqhom iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jitħallew jaqsmu l-linja.

(8) Fejn jidħlu l-kontrolli fuq il-persuni, dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll 3, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu.

(9) Dan ir-Regolamentr ma jaffettwa bl-ebda mod il-mandat tan-Nazzjonijiet Uniti fiż-żona kuxxinett.

(10) Ġaladarba kull bidla fil-politika tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru rigward il-linja tista' toħloq problemi tal-kompatibbilità mar-regoli stabbiliti b'dan ir-Regolament, dawn il-bidliet għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, qabel ma jidħlu fis-seħħ, sabiex titħalla tieħu l-inizjattivi approprjati hekk li jiġu evitati l-inkonsistenzi.

(11) Il-Kummussjoni għandha titħalla wkoll temenda l-Annessi I u II ma' dan ir-Regolament bil-ħsieb li twieġeb għall-bidliet li jistgħu jiġru u jeħtieġu azzjoni immedjata,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

▼B

IT-TITOLU I

ID-DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Id-Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. it-terminu "linja" ifisser:

   (a) għall-għanijiet tal-kontrolli fuq il-persuni, kif iddefiniti fl-Artikolu 2, il-linja bejn iż-żoni taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern ta' Ċipru ma jeżerċitax il-kontroll effettiv;

   (b) għall-għanijiet tal-kontrolli fuq l-oġġetti, kif iddefiniti fl-Artikolu 4, il-linja bejn iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax il-kontroll effettiv u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern ta' Ċipru jeżerċita l-kontroll effettiv u ż-Żona tal-Bażi Sovran tal-Lvant tar-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq;

2. it-terminu "ċittadin ta' pajjiż terz" ifisser kull persuna li mhix ċittadin ta' l-Unjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat.

Ir-Referenzi f'dan ir-Regolament għaż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax il-kontroll effettiv huma ż-żoni ġewwa r-Repubblika ta' Ċipru biss.

IT-TITOLU II

IL-QSIM (TAL-LINJA) MILL-PERSUNI

Artikolu 2

Il-Kontroll fuq il-Persuni

1. Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha twettaq kontrolli fuq il-persuni kollha li jaqsmu l-linja bil-għan li tikkumbatti l-immigrazzjoni illegali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għalbiex tikxef u tippreVjieni kull tehdida għas-sigurtà pubblika u l-politika pubblika. Dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu wkoll fuq il-vetturi u l-oġġetti fil-pussess tal-persuni li jaqsmu l-linja,

2. Il-persuni kollha għandhom jgħaddu minn mill-imnqas kontroll wieħed għalbiex tiġi stabbilita l-identità tagħhom.

3. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi għandhom jitħallew jaqsmu l-linja biss sakemm:

(a) ikunu fil-pussess jew ta' permess tar-residenza maħruġ mir-Repubblika ta' Ċipru jew dokument validu tal-vjaġġ u, jekk meħtieġa, viża valida għar-Repubblika ta' Ċipru, u

(b) ma jippreżentawx tehdid għall-poltika pubblika jew għas-sigurtà pubblika.

▼B

4. Il-linja għandha tinqasam biss fil-punti tal-qsim awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru. Lista ta' dawn il-punti tal-qsim hija stabbilita fl-Anness I.

5. Il-kontrolli fuq il-persuni fuq il-konfini bejn iż-Żoni tal-Baži Sovran tal-Lvant u ż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jitwettqu skond l-Artikolu 5(2) tal-Protokoll 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

Artikolu 3

Is-sorveljanza tal-linja

Sorveljanza effettiva għandha titwettaq mir-Repubblika ta' Ċipru matul il-linja kollha, hekk illi tiskoraġġixxi lill-persuni milli jaħarbu mill-kontrolli fil-punti tal-qsim riferiti fl-Artikolu 2(4).

IT-TITOLU III

IL-QSIM (TAL-LINJA) MILL-OĠĠETTI

Artikolu 4

It-trattament ta' l-oġġetti li jaslu miż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, l-oġġetti jistgħu jiddaħħlu fiż-żoni taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, bil-kondizzjoni li jkunu nkisbu għal kollox miż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, jew ikunu għaddew l-aħħar proċess tagħhom, sostanzjali u ġġustifikat ekonomikament jew jaħdmu f'impriża mgħammra għal dan il-għan fiż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru fit-tifsira ta' l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2913/92 ([1]).

▼M4

2. L-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu soġġetti għal dikjarazzjoni tad-dwana. Huma m'għandhomx ikunu soġġetti għal dazji tad-dwana jew għal ħlasijiet b'effett ekwivalenti. Sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi, il-kwantitajiet li jaqsmu l-linja għandhom jiġu rreġistrati.

▼B

3. L-oġġetti għandhom jaqsmu l-linja biss fil-punti tal-qsim elenkati fl-Anness I u l-punti tal-qsim ta' Pergamos u Strovilia taħt l-awtorità taż_żona tal-Baži Sovran tal-Lvant.

4. L-oġġetti għandhom ikunu bla ħsara għall-ħtiġiet u għandhom jgħaddu mill-kontrolli kif meħtieġa mil-leġislazzjoni Komunitarja kif iddikjarati fl-Anness II.

5. L-oġġetti għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument maħruġ mill-Kamra tal-Kummerċ Torka Ċiprijotta, awtorizzat kif mistħoqq għal dan il-għan mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, jew minn korp ieħor hekk awtorizzat bi ftehim ma' dan ta' l-aħħar. Il-Kamra tal-Kummerċ Torka Ċiprijotta jew korp ieħor awtorizzat kif mistħoqq iridu jżommu reġistri ta' dawn id-dokumenti kollha maħruġa għalbiex jgħinu lill-Kummissjoni li timmonitorja t-tip u l-volum ta' l-oġġetti li jaqsmu l-linja kif ukoll il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

([1]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni 2003.

▼B

6. Wara li l-oġġetti jku nu qasmu l-linja għal ġewwa ż-żoni taħt il-kntroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jiċċekkjaw l-awtenticità tad-dokument riferit fil-paragrafu 5 u jekk jikkorrispondix mal-kunsinna.

7. Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tittratta l-oġġetti riferiti fil-paragrafu 1 bħala li mhumiex importati fit-tifsira ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE ([1]) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE ([2]), sakemm l-oġġetti jkunu ddestinati għall-konsum ġewwa r-Repubblika ta' Ċipru.

8. Il-paragrafu 7 ma għandu jkollu l-ebda effett fuq ir-riżorsi nfushom tal-Komunitajiet Ewropej li jdaħħlu mill-*VAT*.

▼M1

9. Il-moviment min-naħa għall-oħra tal-linja ta' annimali ħajjin u ta' prodotti ta' l-annimali li huma soġġetti għall-ħtiġiet veterinarji Komunitarji għandhom ikunu projbiti. Projbizzjonijiet fir-rigward ta' annimali ħajjin jew prodotti ta' l-annimali speċifikati jistgħu jitneħħew permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kummerċ adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

▼B

10. L-awtoritajiet taż-Żona tal-Bażi Sovran tal-Lvant jista' jżomm il-provvista tradizzjonali tal-popolazzjoni Torka Ċiprijotta tal-villaġġ ta' Pila bl-oġġetti li jkunu ġejjin minn żoni li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubboika ta' Ċipru. Dawn għandhom jissorveljaw b'mod strett il-kwantitajiet u n-natura ta' l-oġġetti rigward id-destinazzjoni tagħhom.

11. L-oġġetti li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet iddikjarati fil-paragrafi minn 1 sa 10 għandu jkollhom l-istatus ta' oġġetti Komunitarji, fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 2913/92.

12. Dan l-Artikolu għandu japplika b'mod immedjat sa mill-1 ta' Mejju 2004 għall-oġġetti miksuba għal kollox fiż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u jikkonformaw ma' l-Anness II. Rigward l-oġġetti l-oħra, l-implimentazzjoni sħiħa ta' dan l-Artikolu għandha tkun bla ħsara għar-regoli speċifiċi li jqisu għal kollox is-sitwazzjoni partikolari fil-gżira ta' Ċipru fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li trid tiġi adottata malajr kemm jista' jkun u l-iktar tard sa żmien xahrejn mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat u għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE ([4]).

([1]) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/15/KEE (ĠU L 52, tal-21.2.2004, p. 61).
([2]) ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).
([3]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru. 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4.).
([4]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼M4

Artikolu 4a

Dħul temporanju ta' oġġetti

1. Bl-eċċezzjoni ta' l-oġġetti li huma soġġetti għal ħtiġiet veterinarji u fitosanitarji, l-oġġetti li ġejjin jistgħu jiddaħħlu temporanjament miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipra jeżerċita kontroll effettiv:

(a) L-oġġetti personali tal-persuni li jaqsmu l-linja meħtieġa b'mod raġonevoli għall-vjaġġ u l-oġġetti għal finijiet sportivi;

(b) mezzi ta' trasport;

(ċ) tagħamir professjonali;

(d) oġġetti destinati għat-tiswija;

(e) oġġetti biex jiġu eżibiti jew użati f'avveniment pubbliku.

2. L-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiddaħħlu għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur.

3. L-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 ma jeħtiġux li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 4(1).

4. Jekk l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 ma jerġgħux lura fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv wara l-iskadenza tal-perijodu tad-dħul temporanju previst fil-paragrafu 2, dawn għandhom ikunu soġġetti għal konfiska mill-awtoritajiet tad-dwana tar-Repubblika ta' Ċipru.

5. Fl-eventwalità tad-dħul temporanju ta' l-oġġetti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 229, 232, 579 u 581 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Fl-eventwalità tad-dħul temporanju ta' l-oġġetti msemmija fil-punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi segwita l-proċedura li ġejja:

(a) l-oġġetti għandhom jiġu akkumpanjati minn dikjarazzjoni mill-persuna li tkun qed iddaħħalhom li ssemmi l-għan tad-dħul temporanju u billi tforni d-dokumentazzjoni ta' appoġġ, kif xieraq, billi tagħti evidenza raġonevoli li l-oġġetti jaqgħu f'waħda mit-tliet kategoriji elenkati fil-punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati mill-awtoritajiet tad-dwana tar-Repubblika ta' Ċipru jew mill-awtoritajiet taż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant meta jidħlu u joħorġu miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv jew miż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

▼M4

(ċ) l-awtoritajiet doganali tar-Repubblika ta’ Ċipru u l-awtoritajiet taż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant jistgħu jagħmlu d-dħul temporanju ta’ l-oġġetti fuq kondizzjoni li tingħata garanzija sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe dejn tad-dwana jew fiskali li jistgħu jkunu dovuti fir-rigward ta’ dawk l-oġġetti jitħallsu.

6. Il-Kummissjoni tista’ tadotta regoli speċifiċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(12).

▼B

Artikolu 5

L-oġġetti mibgħuta lejn iż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

1. L-oġġetti li jitħallew jaqsmu l-linja ma għandhomx ikunu bla ħsara għall-formalitajiet ta' l-esportazzjoni. Madankollu, għandha tiġi pprovvduta d-dokumentazzjoni meħtieġa u ekwivalenti, b'rigward sħiħ għall-leġislazzjoni interna Ċiprijotta, mill-awtoritajiet ta-Repubblika ta' Ċipru fuq talba.

2. L-ebda rifużjoni fuq l-esportazzjoni ma għandha titħallas għall-oġġetti agrikoli u l-oġġetti agrikoli pproċessati meta jaqsmu l-linja.

3. Il-provvista ta' l-oġġetti ma għandhiex tkun eżantata skond l-Artikolu 15(1) u (2) tad-Direttiva 77/388/KEE.

4. Għandu jiġi pprojbit il-moviment ta' l-oġġetti, li t-tneħħija jew l-esportazzjoni tagħhom mit-territorju Komuntarju tad-dwana huma pprojbiti jew bla ħsara għal awtorizzazzjoni, restrizzjonijiet, dazji jew imposti oħra fuq l-esportazzjoni skond il-liġijiet Komunitarji.

▼M5

Artikolu 5a

It-trattament ta’ oġġetti li jinħarġu miż-żoni li huma taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru u li jittieħdu lura f’dawk iż-żoni wara li jkunu għaddew minn żoni li m’humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru.

1. Mingħajr ħsara għal Artikoli 4, 4a u 6, oġġetti tal-Unjoni, fit-tifsira tal-punt (18) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 450/2008, jistgħu jinħarġu miż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru u li jittieħdu lura f’dawk iż-żoni wara li jkunu għaddew minn żoni li m’humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru, soġġetti għar-rekwiżiti segwenti:

(a) kull min jittrasporta dawk l-oġġetti għandu, fil-punt tal-qsim fejn il-merkanzija tinħareġ miż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru, jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta’ Ċipru dokumentazzjoni xierqa biex ikun stabbilit li huma oġġetti tal-Unjoni. Dik id-dokumentazzjoni tkun tinkludi fattura, dokument tat-trasport jew dokument ekwivalenti. F’każijiet fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppreżentata tali dokumentazzjoni, għax l-oġġetti huma prodotti mill-persuna li tittrasportahom, tiġi ppreżentata dikjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta’ Ċipru li l-oġġetti huma merkanzija tal-Unjoni;

▼M5

(b) ħlief meta l-oġġetti huma intiżi għall-użu personali, id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom tkun tinkludi tal-inqas l-isem u l-indirizz sħiħ tal-ispeditur, jew tad-dikjarant fejn l-ispeditur u d-dikjarant ma jkunux l-istess, il-kwantità u t-tip kif ukoll marki u numri tal- pakketti, deskrizzjoni tal-oġġetti, il-massa grossa f'kilogrammi u, fejn meħtieġ, numri tal- kontenituri;

(c) kull min jittrasporta dik il-merkanzija jinnominaw il-punt ta' qsim li jkun maħsub li se jintuża biex dawn jingiebu lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru dwar dik in-nomina fil-punt tal-qsim fejn il-merkanzija tinħareġ miiż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru;

(d) meta jkun ikkunsidrat meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru, il-kunsinni jew il-mezzi ta' trasport ikunu ssiġillati fil-punt tal-qsim fejn l-oġġetti jinħarġu miż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru;

(e) meta l-oġġetti jittieħdu lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru wara li jgħaddu minn dawk iż-żoni li m'humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, kull min jittrasporta dawk l-oġġetti għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru fil-punt tal-qsim fejn il-merkanzija tiddaħħal lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru l-istess dokumentazzjoni li ntużat fil-punt tal-qsim fejn l-oġġetti kienu inħarġu miż-żoni li huma taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru;

(f) l-oġġetti jinħarġu u jiddaħħlu lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru fil-punti tal-qsim elenkati fl-Anness I u f'perjodu raġonevoli ta' żmien determinat mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru billi jitqies iż-żmien totali aċċettabbli ta' trasport, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-distanza totali tat-trasportazzjoni;

(g) l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru jivverifikaw id-dokumentazzjoni u jekk ikun xieraq, l-oġġetti u s-siġilli tagħhom, jekk l-oġġetti li jittieħdu lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jikkorrispondux għad-dokumentazzjoni użata fil-punt tal-qsim fejn l-oġġetti kienu inħarġu miż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u jekk ir-rekwiżiti fil-punt (f) ġewx rispettati;

(h) F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (g) l-oġġetti ma jitħallewx jiddaħħlu lura fiż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru sakemm ma ssirilhomx valutazzjoni tar-riskji involuti u jiġi adottati miżuri effettivi, proporzjonati u mmirati bbażati fuq din il-valutazzjoni. Dawk l-oġġetti jkunu soġġetti għal konfiska mill-awtoritajiet doganali tar-Repubblika ta' Ċipru.

▼M5

2. B'konformità mal-Artikolu 4(9), ir-ritorn ta' annimali ħajjin li huma soġġetti għal rekwiżiti veterinarji tal-Unjoni għandu jkun ipprojbit.

3. Il-konsenja ta' prodotti tal-annimali li huma soġġetti għar-rekwiżiti veterinarji jistgħu jinħarġu miż-żoni li huma taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u li jiddaħħlu lura f'dawk iż-żoni wara li jkunu għaddew minn żoni li m'humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru.

L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru jiżguraw li konsenji ta' prodotti tal-annimali ma jitħallewx jittieħdu lura fiż-żoni taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru fejn iż-żmien totali tat-trasportazzjoni jeċċedi konsiderevolment iż-żmien totali aċċettabbli ta' trasportazzjoni, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-distanza totali tat-trasportazzjoni, sakemm l-awtorità veterinarja kompetenti ma tkunx wettqet valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u adottat miżuri effettivi, proporzjonali u mmirati bbażati fuq dik il-valutazzjoni.

Ir-Repubblika ta' Ċipru, b'mod regolari u kif meħtieġ tinfurma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dan il-paragrafu u kwalunkwe miżura meħuda biex tindirizzah.

4. L-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ma jkunux soġġetti għal aktar formalitajiet doganali.

L-awtoritajiet doganali kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru jista', madankollu, jistgħu jwettqu analiżi tar-riskju u kontrolli doganali tas-sigurtà effettivi skont id-dispożizzjonijiet legali li huma applikabbli, fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni dwar l-oġġetti trasportati.

Il-punti ta' qsim elenkati fl-Anness I ikunu mgħammra għal kollox b'apparat u persunal u b'kull mod ieħor imħejjijin biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3.

▼M1

Artikolu 6

▼M4

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 69/169/KEE tat-28 ta' Mejju 1969 fuq l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati b'Liġi, Regolament jew Azzjoni Amministrattiva relatata ma' l-eżenzjoni minn taxxa fuq il-bejgħ u minn taxxa tas-sisa fuq l-importazzjoni fi vvjaġġar internazzjonali ([1]) u r-Regolament (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjoniiet minn dazju doganali ([2]) m'għandhomx japplikaw, iżda l-oġġetti fil-bagalji personali ta' persuni li jaqsmu l-linja għandhom jiġu eżentati mit-taxxa fuq il-bejgħ u mit-taxxa tas-sisa kif ukoll minn dazji oħra sakemm ma jkollhom l-ebda karattru kummerċjali u l-valur totali tagħhom ma jeċċedix l-EUR 260 għal kull persuna.

2. Il-limiti kwantitattivi għall-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-bejgħ u mid-dazju tas-sisa kif ukoll minn dazji oħra għandhom ikunu ta' 40 sigarett u ta' litru ta' spirti għall-konsum personali.

▼M1

3. Eżenzjonijiet għall-merkanzija msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhomx jingħataw lil persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja li huma taħt is-17-il sena.

([1]) ĠU L 133, 4.6.1969, p. 6. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/74/KE (ĠU L 346, 29.12.2007, p. 6).

([2]) ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 274/2008 (ĠU L 85, 27.3.2008, p. 1).

▼M1

4. Fil-limiti kwantitattivi stabbiliti fil-paragarafu 2, il-valur tal-merkanzija elenkata fil-paragrafu 2 m'għandhiex tittieħed in kunsiderazzjoni fid-determinazzjoni ta' l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

5. Sabiex jiġu indirizzati disturbi serji f'settur speċifiku ta' l-ekonomija tagħha kkawżat mill-użu estensiv tal-faċilitajiet minn persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja r-Repubblika ta' Ċipru tista', wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, tidderoga mill-Artikolu 6(1) għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

▼B

IT-TITOLU IV

IS-SERVIZZI

Artikolu 7

It-Tassazzjoni

Safen u sakemm is-servizzi jiġu forniti min-naħa l-oħra tal-linja lil u minn persuni stabbiliti fir-Repubblika ta' Ċipru, dawn is-servizzi għandhom jitqiesu, għall-għanijiet tal-*VAT*, li jkunu ġew forniti jew irċevuti minn persuni stabbiliti jew li jkollhom l-indirizz permanenti tagħhom jew ir-ridenza tagħhom tas-soltu fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru.

IT-TITOLU V

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 8

L-Implimentazzjoni

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u l-awtoritajiet taż-Żona tal-Baži Sovran tal-Lvant f'Ċipru għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw il-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u sabiex jipprevjienu kull ħarbien minnhom.

Artikolu 9

L-Addattament ta' l-Annessi

The Commission may, in agreement with the Government of Cyprus amend the Annexes to this Regulation. Bi ftehim mal-Gvern ta' Ċipru, il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi ma' dan ir-Regolament. Qabel ma l-Annessi jiġu emendati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kamra tal-Kummerċ Torka Ċiprijotta jew kull korp ieħor awtorizzat kif mistħoqq mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru kif riferit fl-Artikolu 4(5), kif ukoll lir-Renju Unit jekk jiġu affettwati ż-Żoni tal-Baži Sovran. Hija u temenda l-Anness II, il-Kummissjoni għandha ssegwi l-proċedura aproprjata riferita fil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti li jkollha x'taqsam mal-materja li tkun qiegħda tiġi emendata.

▼B

Artikolu 10

BDIL ta' *policy*

Il-bidla fil-politika Kull bidla fil-politika tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru dwar il-qsim tal-linja mill-persuni jew l-oġġetti għandha ssir effettiva biss wara li l-bidliet proposti jkunu ġew innotifikti lill-Kummissjoni u l-Kummisjoni ma tkux oġġezzjonat għal dawn il-bidliet fi żmien xahar. Jekk approprjat, u wara konsultazzjoni mar-Renju Unit jew jiġu affettwati ż-Żoni tal-Bażi Sovran, il-Kummissjoni tista' tipproponi modifiki għal dan ir-Regolament sabiex tiżgura l-kompatibbiltà tar-regoli nazzjoni u ta' l-UE applikabbli għal-linja.

Artikolu 11

Ir-rivista u l-monitoraġġ tar-Regolament

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(12), il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill fuq il-bażi ta' kull sena, li tibda mhux iktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li tehmeż ma' dan ir-rapport proposti xierqa għal emendi jekk meħtieġ.

▼M5

2. Il-Kummissjoni tissorvelja l-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5a ta' dan ir-Regolament u l-proċessi tal-kummerċ bejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u ż-żoni li m'humiex taħt il-kontroll effettiv tiegħu, inkluż il-volum u l-valur tal-kummerċ u l-prodotti involuti. Għal dak l-għan ir-Repubblika ta' Ċipru tiġbor dejta u tikkomunikaha lill-Kummissjoni fuq bażi mensili.

▼B

3. Kull Stat Membru jista' jitlob lill-Kumsill sabiex jistieden lill-Kummissjoni sabiex teżamina u tirrapportalu lura fi kwadru taż-żmien speċifikat dwar kull materja ta' tħassib li tinħoloq mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. L-eventwalità ta' emerġenza li toħloq tehdid jew riskju għas-saħħa pubblika, ta' l-annimali jew tal-pjanti, għandhom japplikaw il-proċeduri approprjati kif iddikjarati fil-leġislazzjoni Komunitarja fl-Anness II. ►M4 Fl-eventwalità ta' emerġenzi oħra, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn irregolaritajiet, distorzjonijiet kummerċjali jew frodi, jew fejn jinħolqu ċirkostanzi eċċezzjonali oħrajn li jirrikjedu azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista', f'konsultazzjoni mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, tapplika minnufih il-miżuri li jkunu strettament meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. ◄ Il-miżuri meħuda għandhom jiġu riferiti lill-Kunsill fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol. Filwaqt li jaqġixxi b'vot maġġoritarju kkwalifikat, il-Kunsill jista' jemenda, jimmodifika jew ixejjen il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni fi żmien 21 jum tax-xogħol minn meta jirċievi n-notifika mill-Kummissjoni.

5. Kull Stat Membru jista' jistieden lill-Kummissjoni li tipprovdi dettalji tal-volum, il-valur u l-prodotti li jaqsmu l-linja lill-kumitat approprjat permanenti jew tal-ġestjoni, sakemm jagħti avviż ta' xahar għat-talba tiegħu.

Artikolu 12

Id-Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adeżjoni ta' Ċipru ma' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M6**

ANNESS I

Lista ta' punti tal-qsim tal-linja msemmija fl-Artikolu 2(4)

— Agios Dhometios

— Astromeritis — Zodhia

— Kato Pyrgos — Karavostasi

— Kato Pyrgos — Kokkina

— Kokkina — Pachyammos

— Ledra Palace

— Ledra Street

— Lefka — Apliki

— Deryneia

▼B

ANNESS II

Il-ħtiġiet u l-konrolli riferiti fl-Artikolu 4(4)

— Il-ħtiġiet u l-kontrolli veterinarji, fitosanitarja u tas-siġurtà fl-ikel kif iddikjarati fil-miżuri adottati skond l-Artikolu 37 (qabel kien l-Artikolu 43) u/jew l-Artikolu 152.(4)(b) tat-Trattat dwar il-KE. B'mod partikolari, il-pjanti rilevanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jkunu għaddew minn kontrolli fitosanitarji minn esperti awtorizzati kif mistħoqq sabiex jivverifikaw id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni fitosanitarja ta' l-UE (id-Direttuva tal-Kunsill 2000/29/KE [1] jitħarsu qabel jaqsmu l-linja lejn iż-żoni taħt il-kontroll effettiv tar-Repubblika ta' Ċipru.

[1] ĠU L 169, tal-10.7.2000, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/31/KE (ĠU L 85, tat-23.3.2004, p. 18).